MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 123/2003

**Tal-Maghtab Construction Co. Limited**

**Vs**

**Melita Cable p.l.c.**

**Il-Qorti ,**

Rat ic-citazzjoni pprezentat mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Frar, 2003 fejn wara illi premettiet illi:
Lejn l-ahhar ta' Novembru, 2002, certament wara il-25 ta' Novembru, 2002, is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited giet ghal konoxxenza ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. S. Meli datata 22 ta' Ottubru, 2002 (avviz numru 515/02SM) fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited, kopja nformali taghha tinsab annessa u mmarkata bhala Dok. A;
Is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited giet a konoxxenza ta' din l-istess sentenza stante illi giet

notifikata b'Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv li jgib in-numru 2471/02 fl-ismijiet premessi, kopja nformali tieghu annessa u mmarkata bhala Dok. B;
Wara ndagni li saret fl-atti tal-kawza li jgib l-avviz numru 515/02 SM, rrizulta illi l-avviz mertu ta' dik il-kawza thalla ma' Alexia Baldacchino li tigi bint wiehed mid-diretturi tas-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited, ezattamentbint Theodosius maghruf bhala Dennis Baldacchino u dana kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. C;
Alexia Baldacchino llum ghandha tnax-il sena u dana kif jirrizulta mid-dokument anness u mamrkat bhala Dok. D;
Il-Kawza li ggib l-avviz numru 515/02SM qatt ma giet notifikata lis-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited kif trid il-Ligi u anqas waslet ghand is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited jew lid-diretturi taghha;
Qabel ma rceviet il-Mandat ta' Sekwestru ezekuttivli jgib in-numru 2471/02 fl-ismijiet premessi, s-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited qatt ma keinet taf bil-kawza li ggib in-numru 515/02SM;
Is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited giet ghal konoxxenza tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-magistrati preseduta mill-Magistrat Dr S. Meli datata 22 ta' ottubru, 2002 (avviz numru 515/02SM) fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited wara li ddekorra t-terminu stabbilit sabiex hija tinterponi appell mill-istess sentenza;
Fl-umili opinjoni tas-socjeta' attrici, l-fatti fuq esposti jaghtu lok, ai termini ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal talba ta' ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited (avviz numru 515/02SM) deciza fit-22 ta' Ottubru, 2002 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr S. Meli.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' ritrattata Melita Cable plc fejn eccepiet:

1. illi primarjament is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited trid tipprova li ma gietx notifikata bl-avviz tas-smiegh li waslu ghas-sentenza tat-22 ta' Ottubru, 2002;

2. illi in linea preliminari wkoll irid jigi pruvat li l-azzjoni odjerna ghar-ritrattazzjoni giet intavolata fil-perjodu ta' tliet xhur minn meta s-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited kienet taf bil-kawza li qed tigi ritrattata;
3. illi minghajr pregudizzju, s-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited trid tipprova l-fatti kif allegata minnha;
4. illi fi kwalunkwe kaz, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' ritrattata Melita Cable p.l.c. m'ghandhix tbaghti l-ispejjez ta' din l-odjerni kawza;
5. salv eccezzjonijit ulterjuri.

Rat is-sentenza taghha ta' l-24 ta' Frar, 2004, fejn il-Qorti annullat is-sentenza Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Company Limited (Avviz numru 515/02SM) deciza fit-22 ta' Ottubru, 2002 minhabba difett fin-notifika u ordnat is-smiegh tal-kawza mill-gdid;

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta' tal-Maghtab Construction Company Limitedipprezentati fit-13 ta' Ottubru, 2004, fejn eccepiet:

1. Illi l-azzjoni mertu ta' dina l-kawza hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi s-socjeta' eccipjenti ma hi bl-ebda mod responsabbli ghal-lanjanzi tas-socjeta Melita Cable p.l.c. u dana stante illi s-socjeta eccipjenti ma kkawzat ebda hsara fil-proprjeta' ta' l-istess Melita Cable p.l.c.;
3. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta' eccipjenti dejjem ezegwit ix-xoghol taghha bid-diligenza u l-prudenza rikjesta mill-ARTIKOLU 1032 TAL-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Maltau ghaldaqstant ma ghandha ebda responsabbilita' ghall-hsara allegatament sofferta mis-socjeta' Melita Cable p.l.c.
4. Illi minghajr pregudizzju anke kieku kellu jirrizulta li l-hsara allegata giet ikkawzata mis-socjeta' eccipjenti xorta wahda l-istess socjeta' eccipjenti ma hijiex responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u dana stante li tali hsara giet ikkawzata b'accident u dana ai termini ta' l-artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Isegwi illi ma hemmx danni x'jigu likwidati ghal favur tas-socjeta' Melita Cable p.l.c.;
6. Isegwi illi s-socjeta' Tal-maghtab Construction Co. Limited ma ghandha thallas xejn lis-socjeta' Melita Cable p.l.c.;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:
Illi f'din is-sentenza l-Qorti ghandha tiddeciedi jekk il-kawza originali imressqa mis-socjeta' Melita Cable tinsabx illum preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jippreskrivi terminu ta' sentejn ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat.

F'dan il-kaz il-hsarat gew ikkagunati waqt skavar mis-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited fi Triq Ghajn Tuffieha, limiti tal-Manikata fl-1 ta' Dicembru, 1997.

Ghalhekk, il-Qorti trid tezamina l-prezentata u n-notifiki ta' l-atti kollha li saru wara dik id-data biex tara safejn gie nterrott il-perijodu preskrittiv.

L-ewwel ittra ufficjali giet ipprezentata fil-21 ta' Ottubru, 1999 u l-ohra fl-1 ta' Ottubru, 2001. Dwar dawn ma jidhrix illi hemm kontestazzjoni. Tant hu hekk, illi fin-Nota ta' Osservazzjonijiet taghha s-socjeta' Tal-maghtab Construction tghid, "Illi ghal kull buon fini qed jigi dikjarat illi mhux qed jigi kkontestat illi fil-perijodu bejn l-1 ta' Dicembru, 1997 u l-10 ta' Ottubru 2001, il-perijodu preskrittiv ta' sentejn gie debitament interrott mis-socjeta' Melita Cable p.l.c."

Ghalhekk, il-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda l-atti illi saru wara l-10 ta' Ottubru, 2001. Wara din id-data giet ipprezentata l-kawza Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited, Avviz numru 515/02SM deciza fit-22 ta' Ottubru, 2002.

Minhabba mankanza jew difett fin-notifika, s-sentenza giet annullata. Quindi n-notifiki kollha li jidhru illi saru a bazi ta’ dik is-sentenza gew annullati u ghalhekk it-terminu baqa’ mhux interrott. Pero’, wara dik is-sentenza s-socjeta’ Melita Cable ipprezentat Mandat ta’ Sekwestru fil-25 ta’ Novembru, 2002 (fol. 7). Dan gie notifikat lis-socjeta’ Tal-Maghtab Construction Co. Limited ghall-ahhar ta’ Novembru, 2002 (fol. 31) u b’din il-konoxxenza s-socjeta’ Tal-Maghtab Construction Co. Limited bdiet il-proceduri odjerni tar-ritrattazzjoni li kellha success bid-decizjoni ta’ din il-Qorti ta’ l-24 ta’ Frar, 2004. Pero’ ma tirrikonoxxix il-Mandat ta’ Sekwestru bhala att gudizzjarju sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni fil-kuntest ta’ l-Artikolu 2128 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-fatt fin-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet taghha, s-socjeta’ Tal-Maghtab Construction Co. Limited tghid, “Illi s-socjeta’ Melita Cable p.l.c. tistrih fuq dokument esebit mis-socjeta’ Tal-Maghtab Construction Co. Limited u fuq dikjarazzjoni ta’ Dennis Baldacchino fix-xhieda tieghu illi l-Mandat ta’ Sekwestru huwa rcevih lejn l-ahhar ta’ Novembru, 2002. Izda din id-dikjarazzjoni saret fil-kuntest tar-ritrattazzjoni u fil-kawza relattiva [Avviz numru 923/03] li giet konkluza bis-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti ta’ l-24 ta’ Frar, 2004 li permezz taghha gie ordnat ir-ritrattazzjoni tal-kawza odjerna, u cioe’ dik fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited [Avviz numru 515/02SM].”

Bir-rispett dan mhuiex minnu. Jekk il-Qorti tara x-xhieda ta’ Dennis Baldacchino a fol. 31 dan jghid minghajr ekwivoci, “Jiena direttur tas-socjeta’ attrici. Jiena sirt naf illi nqaghtet sentenza kontra tieghi fit-22 ta’ Ottubru, 2002, fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited meta rcevejt Mandat ta’ Sekwestru, li kopja tieghu jisab esebit a fol. 7 tal-process. Is-Sekwestru gie notifikat lili fl-ahhar ta’ Novembru, 2002. Qabel dan is-Sekwestru l-ebda att relatat ma din il-kawza ma qatt gie f’idejja, lanqas ma kont naf bl-esiztenza tal-kawza.”

Quindi, ma hemm l-ebda dubju illi s-socjeta’ Tal-Maghtab Construction Co. Limited giet mgharrfa bil-pretenzjoni tas-

socjeta' Melita Cable p.l.c. meta rceviet il-Mandat ta' Sekwestru pprezentat fil-25 ta' Novembru, 2002. Dan il-Mandat juri bic-car "illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom." [Artikolu 2128 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta]

Ghalhekk, il-Qorti jidrilha li ghal fini tan-notifika u nterruzzjoni ta' preskrizzjoni, l-Mandat ta' Sekwestru jissodisfa r-rekwiziti tal-Ligi, kif ukoll konfermat mill-gurisprudenza. [Vol. XXXV part I pagna 304]

Ikkunsidrat:

Is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited, pero' tikkontendi li ladarba l-Mandat ta' Sekwestru kien wiehed ezekuttiv u la l-kawza promotrici giet annullata, quindi dak il-Mandat ta' Sekwestru m'ghandu l-ebda effett ghal fini ta' l-interruzzjoni.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Mandati kemm kawtelatorji kif ukoll ezekuttivi huma atti ndipenti mill-kawzi li jaghtu lok ghalihom. Fil-fatt il-mandati gahndhom numru progressiv ghalihom u kwalunkwe att illi jigi pprezentat fl-atti tal-mandat jibqa' riservat ghal dak il-mandat u m'ghandu x'jaqsam xejn mall-kawza.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi ma taghmilx differenza jekk il-mandat huwiex wiehed ezekuttiv jew inkella kawtelatorju, darba dan jigi notifikat lill-parti u r-rekwiziti tal-ligi huma osservati, allura f'dak il-kaz il-madnat iservi ta' nterruzzjoni ghall-fini tal-ligi.

Skond Dennis Baldacchino il-mandat ircevih ghall-habta ta' l-ahhar ta' Novembru, 2002. Ghalhekk, f'dik id-data l-preskrizzjoni giet interrotta u bdiet tghaddi mill-gdid. Fil-frattemp saret din il-kawza fejn, bis-sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2004 ordnat is-smiegh tal-kawza mill-gdid. Hawnhekk, is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited ippartecipat fl-atti u fit-13 ta' Ottubru, 2004 (fol. 55) ipprezentat l-eccezzjonijiet taghha. Ghalhekk, jekk il-Qorti tiehu din l-ahhar data bhala notifika tal-pretenzjoni tas-socjeta' Melita Cable, allura bejn l-ahhar ta'

Novembru, 2002 u t-13 ta' Ottubru, 2004 ma lehaqx ghadda t-terminu ta' sentejn rikjest mill-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

Spejjez ta' din id-decizjoni a karigu tas-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------